MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2013

Numru. 702/2013

**PULIZIJA**
**SPETTUR MARIO HABER**

**VS**

**THAMER ALIED**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Thamer Alied, detentur tal-Passaport Sirjan 006712338.

**Akkuzat talli:**

Fis-26 ta` Lulju 2013 u fil-jiem ta` qabel f’dawn il-gzejjer iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f’Passaport, u f’timbru

tal-Permess ghar-Residenza jew uza jew kellu fil-pussess tieghu il-Passaport u l-Permess ghar-Residenza li hu kien jaf li gew iffalsifikati, imbiddla jew sar xi tibdil fihom f'ismu u bin-numri 001521217 u CEA/EXP/67/04 rispettivament;

Kif ukoll akkuzat talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanza ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokumenti ohra iffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija;

Akkuzat ukoll talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi iffalsifika xi dokumenti jew kopji vera ta` dokumenti jew registrazzjonijiet maghmula skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni.

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa u l-provi kollha prodotti;

Wara li rat l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta u l-Artikolu 32 (1d) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkunsidrat**:

Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-nazzjonalita` tal-imputat, il-fatt illi huwa jigi minn Homs, Sirja, fejn il-glied civili huwa mill-aktar ahrax u wara li l-Qorti giet infurmata li huwa kien ilu Malta ghal diversi snin minghajr ma gie prosegwit ghal reat kriminali u ghandu l-kondotta nadifa.

Waqt li l-Qorti qedgha ssibu hati a tenur tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, qed tikkundannah ghal terminu ta` prigunerija ghal zmien sena (1) izda tordna li huwa ma jigix ikkalcerat sakemm fi zmien sentejn (2) millum huwa ma kjikkommettix reat iehor li ghalih hemm terminu ta` prigunerija.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------